MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Numru. 999/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Pierre Micallef Grimaud]**

**vs**

**Doreen Galdes**
**Irene Attard**

**Kumpilazzjoni Numru: 999/2010**

**Illum 28 ta' Mejju 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra

Doreen Galdes ta' 31 sena bint Raymond Attard u Irene nee' Grech, imwielda Malta fid-29 ta' Lulju, 1979, residenti

f’ nru 13, Triq Maitland Hamrun u detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 347279M; u

Irene Attard ta’ 53 sena, bint Angelo Grech u Grace nee’ Said, imwielda Malta fid-9 ta’ Frar 1957, residenti Camrata it-Tieni Sular, Fl 2 Triq il-Merkanti, Valletta u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 141757M.

Akkuzati talli fis-6 ta’ April 2010, ghall-habta tal-12:15pm, gewwa Triq ir-Repubblika, Valletta, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Nadine Galdes skond ma ccertifika t-tabib Dr Michael Gonzi MD mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda li sehhet l-Belt bejn iz-zewg imputati min-naha u zewg persuni ohra: Nadine Galdes, il-parte civile, u certa Mary Gatt min-naha l-ohra; f’din il-glieda l-imsemmija Nadine Galdes soffriet ksur f’l-ghadam ta’ riglejha ix-xellugija.

Illi l-unici persuni li taw id-depozizzjoni taghhom f’dawn il-proceduri kienu il-persuni involuti u t-tabib lil invista lill-parte civile fid-dipartiment ta’l-emergenza f’l-isptar Mater Dei. Dan it-tabib ikkonferma ic-certifikat rilaxxjat minnu u ta’ xi dettalji dwar il-griehi sofferti mill-parte civile.

Illi skond il-verzjoni ta’ Mary Gatt dak in-nhar ta’ l-incident l-ewwel marru l-ghassa tal-pulizija tal-Belt biex jaghmlu rapport fuq certu Edward Galdes li jigi ir-ragel ta’l-imputata mbaghad marru fi stabbiliment biex jixtru; minn hemm baqghu sejrin ghand ir-Royal Pharmacy fi triq ir-Repubblika. Hemm Mary Gatt baqghet barra bit-tarbija ta’ Nadine li kienet fil-pushchair fil-waqt li Nadine dahlet gewwa biex tixtri. Waqt li Mary Gatt kienet qeghda hemm tistenna lil Nadine giet l-imputata Attard fuqha u qaltilha biex ihallulha t-tifla fil-kwiet u mill-ewwel hebbet ghaliha; maghha kien hemm l-imputata l-ohra Doreen Galdes. Gatt bdiet tghajjat ghall-ghajjut u Nadine Galdes harget mill-ispizerija; hekk kif Nadine harget, Doreen Galdes qabdet taghtiha u Nadine waqghet ma’l-art.

Illi Nadine Galdes tirrakonta li meta hi dahlet fir-Royal Pharmacy semghet lil Irene Attard tghajjat ma’ Mary Gatt u semghet ukoll lit-tarbija taghha tibki ghalhekk harget mill-ispizerija. Waqt li kienet hierga rat liz-zewg imputati jaghtu lil Mary Gatt u jimbuttawha. Nadine qabdet il-handle tal-pushchair biex tressqu minn nofshom meta Doreen Galdes giet minn wara Mary, qabdet lil Nadine minn xagharha u taghtha daqqa ta’ sieq; bid-daqqa Nadine waqghet ma’l-art u Doreen baqghet tkaxkara u taghtiha sa kemm gie pulizija u ferraqhom.

Illi l-imputata Doreen Galdes tghid li hi u ommha Irene Attard kienu qeghdin fi stabbiliment li qieghed faccata ta’l-istabbiliment fejn dahlu jaghmlu qadja Nadine Galdes u Mary Gatt; rathom u semghethom jitkellmu fuqhom u fuq Edward Galdes ghalhekk hi u ommha marru warajhom biex jiehdu is-sodisfazzjon. Lahquhom hdejn ir-Royal Pharmacy fejn kien hemm Mary Gatt barra hdejn il-bieb. Doreen Galdes kompliet tirrakkonta li marret fuq Mary Gatt u staqsietha ghalfejn qed jghidu fuqha meta fil-pront Nadine harget tigri, waqghet, qamet u bdiet iggebbed u tkaxkar lil Doreen minn xagharha.

Illi l-imputata l-ohra Irene Attard kull ma tghid hu li meta rat lill Mary Gatt hdejn ir-Royal Pharmacy saqsitha ghalfejn qed jaqbdu mat-tifla taghha (Doreen) u malli semghet hekk Nadine harget mill-ispizerija u malli harget

hi (Nadine) u Doreen qabdu f'xulxin u jaghtu "ta' giex niesa li huma". L-imputata Attard ammettiet li hija kellha xi tghid ma' Mary Gatt u li huma kwazi gew f'l-idejn pero tichad li hi messet lil Nadine.

Illi minn dawn id-depozizzjonijiet il-Qorti hija konvinta li ghalkemm l-imputata Irene Attard setghet esponiet ruhha ghal xi azzjoni kriminali bhala konsegwenza ta' l-agir taghha fil-konfront ta' Mary Gatt, minn  imkien pero ma jirrizulta li hija b'xi mod aggrediet jew refghet idejha fuq Nadine Galdes.

Illi l-istess ma jistaghx jinghad fuq l-imputata l-ohra Doreen Galdes. Jidher car mhux biss mid-depozzizjoni tal-parte civile u ta' Mary Gatt imma anke mid-depozizzjoni taghha stess li kienet hi li provokat dan l-incident meta marret fuq Mary Gatt biex tiehu s-sodisfazzjon. In oltre jirrizulta ukoll li kienet hi li aggrediet lil Nadine Galdes. Ghalkemm Doreen Galdes tghid li Nadine waqghet u li kien ghalhekk li din kisret saqajha, hija kontradetta primarjament minn ommha stess ghaliex fuq domanda ta' l-avukat taghha jekk hi u hierga mill-ispizerija Nadine gralhiex xi haga Irene Attard irrispondiet: *xejn ma gralha, bdiet tghajjat kemm tiflah*.

Illi dwar il-griehi sofferti minn Nadine Galdes m'hemm l-ebda dubbju li dawn jinkawdraw ruhhom f'dak predispost f'l-artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi tenut kont ta' dan u ta'l-assjem tal-provi l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata fil-konfront ta'l-imputata Doreen Galdes.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tintsab hatja l-imputata Galdes min-naha u l-fedina penali taghha li hija netta min-naha l-ohra.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputata Irene Attard hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tilliberaha minnha, wara li rat l-artikoli  214 u 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata Doreen Galdes hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u

b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 383 ta’l-istess Kapitolu 9 sa biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ Nadine Galdes u ghaz-zammha ta’l-ordni pubbliku qed torbot lill-imputata Doreen Galdes b’obbligazzjoni taghha innifisha ghal perjodu ta’ sena li ma ddejjaqx u ma timmolestax lill-imsemmija Nadine Galdes taht penali ta’ elfejn Euro (€2,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputata Doreen Galdes fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------